MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Numru. 1086/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**- OMISSIS -**
**ELAIDY SALEM**
**MAHDI OUERFELLI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom - omissis -

U

Elaidy Salem ta’ 22 sena, bin Mansour u Noran nee’ Elagrbi imwieled Libya/ Tunezija, fit-8 ta’ April, 1991 u ma ghandux indirizz fiss

U

Mahdi Ouerfelli ta’ 22 sena, bin Sadik u Torkia nee’ Warfli, imwieled it-Tunezija, fl-4 ta’ Awissu 1991 u residenti Hal Far Tent Centre Hal Far limiti taz-Zurrieq u detentur tan-numru tal-Pulizija 13MH-024

- Omissis -

- Omissis -

- Omissis -

- Omissis -

**Elaidy Salem u Mahdi Ouerfelli gew akkuzati talli** : talli fit-30 ta’ Ottubru 2013 ghal-habta ta’ 20:30hrs gewwa Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 1050 u/jew pesuni ohra, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti.

**U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi** kiser l-paci u l-buon ordni pubblika b’ghajjat u glied.

**U talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi** kienu fis-sakra, f’post espost ghal-pubbliku ma’ kienux f’kundizzjoni lli jiehdu hsieb lilhom innfushom

**U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi** ma’ obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita jew ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn fjew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi.

**U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi** : meta mitluba rrifjutaw li jaghtu jew taw falz il-partikolarijiet taghhom lil diversi Ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom.

**Lil Elaidy Salem wahdu gie akkuzat talli** : nhar it-30 ta' Ottubru 2013 ghal-habta tal-20:30hrs gewwa Hal-Qormi ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq diversi ufficjali tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

**U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi** : ikkommetta reat ta' natura volontarja li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taht kundizzjoni, ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenza datata it-03 ta' Ottubru 2013, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Anthony Giovanni Vella LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

**Lil-Mahdi Ouerffelli wahdu** billi gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Ottubru 2013 ghal habta tal-23:00hrs gewwa il-Lock up tal-Pulizija tal-Floriana ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 539 F. Caruna, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 21 tal-Process u nnutat li l-imputati Elaidy Salem u Mahdi Ouerfelli m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati Elaidy Salem u Mahdi Ouerfelli iddikjaraw li bi hsiebhom jammettu l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur, fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni, talab is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati Elaidy Salem u Mahdi Ouerfelli, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti.

Inoltre nnutat li f'dan l-istadju l-imputati Elaidy Salem u Mahdi Ouerfelli iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati Elaidy Salem u Mahdi Ouerfelli bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati Elaidy Salem u Mahdi Ouerfelli wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Fil-konfront tal-imputat Elaidy Salem rat l-artikoli 17, 96, 338(dd), 338(ff), 338(ee), 338(g) u 95 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Elaidy Salem, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Elaidy Salem ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Elaidy Salem ghall-piena ta' hames mitt Ewro (Ewro 500) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Elaidy Salem jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Fil-konfront tal-imputat Mahdi Ouerfelli rat l-artikoli 17, 96, 338(dd), 338(ff), 338(ee), 338(g) u 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mahdi Ouerfelli, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Mahdi Ouerfelli ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Mahdi Ouerfelli jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Elaidy Salem u Mahdi Ouerfelli l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------